# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 1 ta' Novembru, 2016**

**Talba Nru: 196/2016/VG**

**Jane CIANTAR u Josephine BARTOLO**

**Vs**

**Salvu ABDILLA**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mir-rikorrenti fl-20 ta' Mejju, 2016** u li permezz taghha talbu l-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' erbat' elef erba' mija u sitt euro u erbgha u tletin centezmi ta' euro [€4,406.34c] u dan wara li ppremettew hekk:

> "Illi l-intimat ghandu jhallas lir-rikorrenti s-somma ta' Ewro 4,406.34c (erbat elef, erba' mija u sitt ewro, u erba u tletin centezmu) rapprezentanti somma bilancjali ta' dawl u ilma gravanti fuq il-fond 29, Triq Sant' Anglu, Birzebbuga.

> Illi l-imsemmi fond huwa proprjeta tar-rikorrenti, u kien detenut mill-intimat, li gie zgumbrat mill-istess fond ai termini ta' sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili datata 16 ta' Lulju 2015 fl-ismijiet "Jane Ciantar et vs Salvu Abdilla" referenza 642/15LSO.
>
> Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 14 ta' Jannar 2016 enumerata 102/2016, u bl-imghaxijiet legali kontra l-intimat, li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fl-14 ta' Gunju, 2016 u li permezz taghha gie eccepiet hekk:

> "1. Illi fl-umli fehma tal-konvenut, is-servizzi tad-dawl u tal-ilma relattivament mal-fond 29, Triq Sant' Anglu, Birzebbuga kienu gew sospizi u/jew maqtugha u l-ammont pretiz mhux dovut.
>
> 2. Illi l-izgumbrament citat fit-talba m'ghandu l-ebda rabta ma kwalsiasi pendenza jekk huwa il-kaz, tad-dawl u tal-ilma;
>
> 3. Illi sta ghall-atturi biex jippruvaw dak minnhom ivvantat fil-konfront tal-konvenut.
>
> Bl-ispejjez".

Ra n-nota mressqa mir-rikorrenti fit-30 ta' Gunju, 2016 u li permezz taghha huma rriducew il-pretensjoni taghhom ghal ammont ta' €1,563.67c.

Ra li fit-13 ta' Ottubru, 2016 l-intimat ma deherx u l-istadju tal-gbir tal-provi gie dikjarat maghluq. Ra li dak in-nhar din it-Talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra r-rikors mressaq mill-intimat fil-25 ta' Ottubru, 2016, wara li t-Talba fejn huwa iddikjara li fit-13 ta' Ottubru, 2016 huwa ma dahalx fl-awla

fejn kienet qeghda tinstemgha l-kawza l-ghaliex kien qieghed jistenna lill-Avukat u li min fejn kien qieghed huwa ma setax jisma lill-ufficjal jghajjatlu stante li jbati ftit bin-nuqqas ta' smiegh. Ghalhekk talab lit-Tribunal sabiex huwa jissospendi l-prolazzjoni ta' din is-sentenza sabiex huwa jkun jista jaghti x-xhieda tieghu tal-fatti dwar il-kaz.

Ra d-digriet tieghu tal-31 ta' Ottubru, 2016 fejn l-intimat thalla jixhed u t-Talba giet differita ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Semgha t-trattazzjoni;

Ikkunsidra;

1. Ir-rikorrenti permezz tat-talba odjerna qeghdin jitolbu l-hlas minghand l-intimat tas-somma ta' €4,406.34c rapprezentanti somma bilancjali ta' dawl u ilma gravanti fuq il-fond 29, Triq Sant' Anglu, Birzebbuga. L-intimat da parti tieghu laqa' ghal din it-Talba billi qal li s-servizzi tad-dawl u tal-ilma ta' dan l-imsemmi fond kienu gew sospizi u/jew maqtugha u l-ammont pretiz mhux dovut. Zied ighid li l-izgumbrament citat fit-talba m'ghandu l-ebda rabta ma kwalsiasi pendenza jekk huwa il-kaz, tad-dawl u tal-ilma u li sta ghar-rikorrenti biex jippruvaw dak minnhom ivvantat fil-konfront tieghu.

Ikkunsidra;

2. L-intimat kien xehed u qal li huwa kien ghamel konvenju biex jixtri da nil-fond minghand missier ir-rikorrenti u cioe minghand Carmelo Abdilla. Zied ighid li wara xi zmien kienet saret kawza fejn gie dikjarat li dak il-konvenju ma kienx validu. Huwa ammetta li kien imur fil-fond imsemmi darba fil-gimgha ghal xi saghtejn u kien juzah bhala ufficju. Stqarr li huwa dam juza

da nil-fond ghal madwar hmistax-il sena u ma baqax juzah wara li kienet inghatat is-sentenza mill-Qorti peress li kien tkecca minnu. Zied ighid li f'dan il-fond ghal bidu kien hemm dawl u ilma izda imbaghad maz-zmien dawn is-servizzi inqatghu. Meta gara dan, huwa beda jiehu l-ilma minghand omm ir-rikorrenti. Recentement, kompla qal l-intimat, huwa kien ircieva ittra minghand l-ARMS fejn intalab ihallas l-ammont ta' madwar €4,000 pero qal li dak il-kont kien fuq isem huh. L-intimat ghalaq ix-xhieda tieghu billi qal li huwa ftit li xejn kien juza dawl u ilma f'dan il-fond meta kien ghad hemm dawk is-servizzi fih. L-intimat, fis-seduta tal-31 ta' Ottubru, 2016 iddikjara li l-provvista tad-dawl u l-ilma kienu gew maqtugha madwar xahrejn wara li huwa kien dahal f'dan il-fond. Ghar-rigward tal-meters tas-servizzi tad-dawl u ta' l-ilma, huwa qal li ghar-rigward ta' l-ewwel dan baqa fil-fond izda ma jiftakarx jekk kienx ghad hemm il-meter ta' l-ilma.

3. Reuben Bonnici, r-rapprezentant tas-socjeta ARMS Limited stqarr li l-ahhar kont li harget l-imsemmija socjeta kien dak li jkopri l-perjodu sas-26 ta' April, 2016 u li l-ammont dovut sa dak-inhar kien ta' €1,563.67c. Dan huwa l-qari attwali tal-kont dovut fuq il-fond 29, Triq Sant' Anglu, Birzebbuga, liema kont huwa intestat fuq Carmelo Abdilla. Huwa qal ukoll li fil-31 ta' Dicembru, 2011 kien inqatgha s-servizz u dan peress li hemm l-ammont ta' €70 indikat fejn din id-data. Huwa esebixxa tlett dokumenti in sostenn ta' dak li xehed li gew immarkati bhala dok. RB1, RB2 u RB3. Reuben Bonnici reggha xehed u esebixxa l-kontijiet antiki li kien hemm fuq dan il-fond.

4. Giet esebita ukoll is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar is-16 ta' Lulju, 2015 fl-imsijiet Jane Ciantar et vs Salvu Abdilla u li minnha jirrizulta li dik il-Qorti kienet sodisfatta li l-atturi, r-rikorrenti odjerni, kienu s-sidien tal-proprjeta 29, Triq Sant' Anglu, Birzebbuga u li l-Qorti, kienet ordnat l-izgumbrament tal-konvenut, intimat odjern, mill-imsemmi fond fi zmien xahar mid-data tas-sentenza.

5. Ir-rikorrenti qalet li Carmelo Abdilla kien missierha u li l-intimat jigi z-ziju taghha. Qalet li fil-fond 29, Triq Sant' Anglu, Birzebbuga kienet mar jghix

fih l-intimat u kien juzah ukoll bhala ufficju. Qalet li ghalkemm il-kont tad-dawl u l-ilma kien fuq missierha, dan il-fond kien jintuza esklussivament mill-intimat u fil-fatt kellhom jipprocedu kontrih ghall-izgumbrament tieghu minnu. Fis-seduta tal-31 ta' Ottubru, 2016, hija ddikjarat li l-pussess tal-fond inghata lilhom f'Settembru, 2015 u li ghalhekk, il-kera tal-meters tad-dawl u l-ilma min dak-in-nhar lil hawn kellhom ikunu a karigu taghhom.

Ikkunsidra ulterjorment;

6. Mid-dokumentazzjoni esebita jirrizulta li fil-11 ta' Frar, 2000 kien thallas l-ammont ta' Lm10.52c biex jaghmel tajjeb ghal bilanc dovut sat-3 ta' Dicembru, 1999. L-ewwel kont wara din id-data kien dak li jgib id-data 12 ta' Frar, 2000 (dok. RB4 a fol. 33). Min dak-in-nhar sakemm l-intimat gie zgumbrat mill-fond 29, Triq Sant' Anglu, Birzebbuga permezz tas-sentenza datata 16 ta' Lulju, 2015 ma regghax thallas kont iehor. Illi mill-provi jirrizulta ampjament li ghal dawn il-kontijiet ghandu jwiegeb ghalihom biss l-intimat.

7. Illi filwaqt li r-rikorrenti talbu li l-intimat ihallas l-ammont ta' €4,406.34c, ix-xhud Reuben Bonnici, rapprezentant tas-socjeta ARMS Ltd qal li l-ammont dovut ghar-rigward tas-servizzi fuq dan il-fond sas-26 ta' April, 2016 kien ta' €1,563.67c. F'dan l-ammont hemm inkluzi l-interessi talli ma thallasx il-kont. Ghalhekk huwa dan l-ahhar ammont li huwa dovut mill-intimat u mhux l-ammont reklamat mir-rikorrenti. Di fatti, fis-seduta ta-30 ta' Gunju, 2016 ir-rikorrenti resqu nota li permezz taghha rriducew il-pretensjoni taghhom ghal-ammont ta' €1,563.67c.

8. L-istess rikorrenti, waqt id-depsoizzjoni taghha tal-31 ta' Ottubru, 2016 iddikjarat li l-kera tal-meters tad-dawl u l-ilma minn Settembru, 2015 lil hawn kellhom ikunu a karigu taghhom. Dan peress li l-intimat kien taghhom il-pussess tac-cwievet tal-fond dak iz-zmien. Illi mid-dokumenti esebiti minn Reuben Bonnici, jirrizulta, kif diga inghad li l-ammont dovut ghar-rigward tas-servizzi tad-dawl u ilma u kiri tal-meters huwa ta' €1,563.67c. L-ahhar

kont dovut sat-23 ta' Lulju, 2015 skont id-dokument RB 2 (fol. 16) kien ta' €1,739.83c (fol. 20). Dan l-ahhar ammont baqa l-istess sat-22 ta' Marzu, 2016 (fol. 20). Wara reggha beda jizdied il-kont u fil-15 ta' Mejju, 2016 reggha tnaqqas l-ammont ta' €1,020.28c (fol. 21). Dak in-nhar, l-ammont dovut kien ta' €1,508.98c. Imbaghad fl-20 ta' Mejju, 2016 il-quddiem regghu bdew jizdiedu l-kontijiet. Ghalhekk, mehud kollox in konsiderazzjoni, inkluz id-dokumentazzjoni esebita, huwa l-ammont ta' €1508.98c li huwa dovut mill-intimat lir-rikorrenti.

9. Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet ta' l-intimat, qieghed jilqa t-Talba tar-rikorrenti limitatament fl-ammont ta' elf hames mija u tmien euro u tmienja u disghin centezmi ta' euro (€1,508.98c) u konsegwentement qieghed jikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti l-ammont ta' elf hames mija u tmien euro u tmienja u disghin centezmi ta' euro (€1,508.98c) bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku ta' l-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**